

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrent jikkontesta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta l-applikazzjoni tiegħu biex jipparteċipa fis-sejħa għal offerti ADMIN/D1/PR/2008/004 dwar il-korsijiet tal-lingwi għall-persunal ta' l-istituzzjonijiet, korpi u aġenziji ta' l-Unjoni Ewropea (UE) li jinsabu fi Brussell (ĠU 2008, S 44-060121), għar-raġuni li l-applikazzjoni ġiet ippreżentata wara t-terminu indikat fis-sejħa għal offerti.

In sostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent isostni li d-deċiżjoni kkontestata hi bbażata fuq il-premessa żbaljata li l-awtorità kontraenti hi marbuta tirrifjuta kull applikazzjoni għal parteċipazzjoni ppreżentata tard. Ir-rikorrent isostni għall-kuntrarju li l-awtorità kontraenti għandha setgħa diskrezzjonali f'dan ir-rigward.

Barra minn hekk, ir-rikorrent isostni li d-deċiżjoni kkontestata m'hijiex motivata biżżejjed, inkwantu l-Kummissjoni ma spjegatx għalfejn ma eżerċitatx is-setgħa diskrezzjonali tagħha.

Fil-aħħar lok, ir-rikorrent jinvoqa motiv ibbażat fuq il-ksur ta' l-Artikolu 123 tar-regoli dettaljati ⁽¹⁾, li jstipula li n-numru ta' kandidati mistiedna biex jitfgħu offerta jrid ikun biżżejjed biex ikun hemm kompetizzjoni ġenwina, u fuq in-natura sproorzjonata tar-rifjut ta' l-applikazzjoni tar-rikorrent.

⁽¹⁾ Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002, tat-23 ta' Diċembru 2002, li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolamenti Finanzjaru li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 357, p. 1).

Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-23 ta' Mejju 2008 — FagorBrandt vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-273/04) ⁽¹⁾**

(2008/C 183/56)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Il-President tat-Tielet Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 251, 9.10.2004.

Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-5 ta' Mejju 2008 — Rath vs UASI Sanorell Pharma (Immunocel)**(Kawża T-368/06) ⁽¹⁾**

(2008/C 183/57)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Il-President tat-Tmien Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 56, 10.3.2007.

Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-2 ta' Ġunju 2008 — Avaya vs UASI — ZyXEL Communications (VANTAGE CNM)**(Kawża T-171/07) ⁽¹⁾**

(2008/C 183/58)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Il-President ta' l-Ewwel Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 170, 21.7.2007

Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tad-9 ta' Ġunju 2008 — Malheiro vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-228/07) ⁽¹⁾**

(2008/C 183/59)

Lingwa tal-kawża: L-Ingliż

Il-President tar-Raba' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

⁽¹⁾ ĠU C 24, 8.9.2007.